



Brussell, 15 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14778/21

ECOFIN 1221
UEM 373
FIN 982

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14077/21 ECOFIN 1109 UEM 340 FIN 904
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 18/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni tal-Istati Membri li joħorġu minn programm ta' aġġustament makroekonomiku: għodda xierqa li teħtieġ simplifikazzjoni – Konklużjonijiet tal-Kunsill (ECOFIN tas-7 ta' Diċembru 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni tal-Istati Membri li joħorġu minn programm ta' aġġustament makroekonomiku: għodda xierqa li teħtieġ simplifikazzjoni", approvati mill-Kunsill ECOFIN fit-3835 laqgħa tiegħu fis-7 ta' Diċembru 2021.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
RAPPORT SPEĊJALI NRU 18/2021 TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI:
"IS-SORVELJANZA MWETTQA MILL-KUMMISSJONI TAL-ISTATI MEMBRI LI
JOĦORĠU MINN PROGRAMM TA' AĠĠUSTAMENT MAKROEKONOMIKU:
GĦODDA XIERQA LI TEĦTIEĠ SIMPLIFIKAZZJONI"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 18/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni tal-Istati Membri li joħorġu minn programm ta' aġġustament makroekonomiku: għodda xierqa li teħtieġ simplifikazzjoni";
2. JIEĦU NOTA tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti rigward l-attivitajiet tal-Kummissjoni ta' sorveljanza ta' wara l-programm. JIRRIKONOXXI l-konklużjoni ġenerali tar-rapport speċjali tal-QEA li s-sorveljanza tal-Kummissjoni tal-Istati Membri li joħorġu minn programm ta' aġġustament makroekonomiku kienet xierqa.
3. JINNOTA li l-ambitu tal-awditjar iffoka fuq ir-rwol tal-Kummissjoni u fuq il-valutazzjoni tal-effettività tas-sorveljanza ta' wara l-programm. Fil-każ ta' sorveljanza msaħħa, il-proċedura ilha tintuża għal perijodu relattivament qasir u għal Stat Membru wieħed biss bħala għodda ta' monitoraġġ ta' wara l-programm.
4. JIRRIKONOXXI l-qafas istituzzjonali kumpless u li qed jevolvi tas-sorveljanza ta' wara l-programm li fih il-Kummissjoni hija l-attur ewlieni involut, fejn taġixxi f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra (il-BĊE, l-MES u l-FMI).
5. JENFASIZZA n-natura eċċezzjonali tal-isfidi ekonomiċi u finanzjarji ffaċċjati mill-Istati Membri li japplikaw għall-assistenza finanzjarja fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja.
6. JENFASIZZA li l-Istati Membri kollha taħt is-sorveljanza ta' wara l-programm u s-sorveljanza msaħħa reġġu kisbu aċċess għas-suq b'rati tal-imgħax aċċettabbli u huma konformi mal-obbligi ta' ħlas lura.

7. JIRRIKONOXXI li l-awditu tat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-effettività tal-qafas ta' sorveljanza ta' wara l-programm u l-qafas ta' sorveljanza msaħħa jindika lok għal titjib possibbli fil-qafas ta' sorveljanza nnifsu, kif ukoll fl-implimentazzjoni tiegħu. Dan jista' jinkludi, skont ir-rapport speċjali tal-QEA, fost affarijiet oħra, is-simplifikazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza biex tiżdied l-effettività u l-effiċjenza tal-qafas, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-Kummissjoni u l-Istati Membri biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol, u ż-żieda fil-flessibbiltà.
8. JIRRIKONOXXI li l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u istituzzjonijiet sħab oħra kienet ġeneralment effiċjenti, u li diġà saru sforzi biex jitnaqqas il-piż fl-Istati Membri billi jingħaqdu l-missjonijiet ta' sorveljanza ta' wara l-programm ma' flussi ta' ħidma oħrajn u permezz ta' arranġamenti li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni.
9. JIRRIKONOXXI li huwa diffiċli li jiġi vvalutat l-impatt tas-sorveljanza fuq il-fiduċja fis-suq b'mod iżolat peress li ħafna fatturi jinfluwenzaw il-progress fir-riformi implimentati mill-Istati Membri.
10. IFAKKAR li valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika, fiskali u finanzjarja tal-Istati Membri kkonċernati hija meħtieġa taħt il-qafas ta' sorveljanza u li għalhekk enfasi aktar stretta fuq il-kapaċità tas-servizz tad-dejn, kif indikat mill-Qorti, mhijiex ġustifikata taħt il-qafas legali attwali. JIRRIKONOXXI li hemm lok biex jittejbu s-sinerġiji ma' attivitajiet oħra ta' sorveljanza li jikkontribwixxu għal analiżi usa' tas-sitwazzjoni ekonomika, fiskali u finanzjarja.
11. JINNOTA li l-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Qorti tal-Awdituri u timpenja ruħha li tikkunsidrahom fil-kuntest tar-rieżami tal-governanza ekonomika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proposta futura speċifika biex jiġi emendat il-qafas legali.
12. JINNOTA li l-punti mogħtija fir-rapport huma f'waqthom fid-dawl tat-tnedija mill-ġdid tar-rieżami tal-governanza ekonomika, u JILQA' l-kontribut tal-Qorti għad-dibattitu.